MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 392/2013

**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**SHAUN THEUMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Shaun Theuma ta’ 16- il sena bin Alfred u Georgina nee’ Mifsud, mwieled Pieta’ nhar id- 19 ta’ Awwissu 1996, residenti 49, Triq San Frangisk, Floriana u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 349096M

Talli;

1) nhar id- 9 ta’ Frar 2013 gewwa Bormla u gewwa dawn il- Gzejjer u matul il- jiem ta’ qabel din id- data, b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi, u li gew maghmula b’

risoluzzjoni wahda, iffalsifika xi biljett tal- flus, jew mexxa biljett tal- flus falsifikat li kien jaf li hu falsfikat;

2) aktar talli fl- istess perjodu ta' zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragenevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil- kustodja jew pussess tieghu, biljett ta' flus falsifikat li kien jaf li l- istess kien iffalsifikat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikolu 46 tal- Kapitolu 204 tal- Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitt ewro (€100) lil Carmelo Zammit fi zmien xaharejn ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna inoltre li l-karti ta’ flus foloz esebiti fl-atti jigu konfiskati u mibghuta lill-Bank Centrali ta’ Malta skond il-ligi.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------